- *talba għad-danni wara li materjal organiku elevat*
- *f'mandat ta' qbid eżekuttiv ġie distrutt*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 12 TA' DIĊEMBRU 2019.**

**Rikors Nru. 198/14 GM**

**Regenera Malta Ltd (C23484)**

**vs.**

**Malta Industrial Parks Limited (C28965)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-kumpanija attriċi ppreżentat fl-4 ta' Marzu 2014 li permezz tiegħu abbażi tal-premessi Illi:-

Ġħandha bħala n-negozju l-produzzjoni ta’ integraturi alimentari. Ilha f’dan in-negozju għal dawn l-aħħar għoxrin sena.

Is-soċjeta` konvenuta eżegwiet mandat ta’ qbid kontra proprjeta` tas-soċjeta` attriċi li kienet tinstab fil-fabbrika tas-soċjeta` konvenuta fl-indirizz BT21 f’Bulebel liema proprjeta` kienet konsistenti fi freezer kontenenti materja prima.

Tali materja prima kienet iddestinata għall-produzzjoni ta’ prodotti tas-soċjeta` attriċi. Ma kellhiex materja prima oħra barra dik kontenuta fl-imsemmi freezer.

Hija ħallset lis-soċjeta` konvenuta u estingwiet id-debitu illi kellha lejha, u konsegwentement is-soċjeta` konvenuta irritornatilha l-freezer illi kienet elevata mill-imsemmi fond bħala konsegwenza tal-mandat ta’ qbid eżekuttiv fuq imsemmi.

Madanakollu, meta tali freezer ġiet ritornat mis-soċjeta` konvenuta lis-soċjeta` konvenuta, kif fuq imemmi, dan kien vojt u ma kellux fih il-materja prima illi kien fih l-istess freezer meta dana ġie elevat u illi kienet konsistenti fil-materja prima kollha illi kellha l-istess soċjeta` konvenuta u li kienet meħtieġa għall-produzzjoni tal-prodotti tas-soċjeta` esponenti u ċioe integraturi alimentari.

Minkejja li talbet lis-soċjeta` konvenuta sabiex tirritornalha l-imsemmija materja prima, is-socjeta` konvenuta infurmatha illi l-istess materja prima kienet intilfet u/jew inqerdet u kwindi ma kenitx għadha teżisti.

Din il-materja prima kienet tikkostitwixxi l-ħażna sħiħa ta’ materja prima illi kellha s-soċjeta` konvenuta u mingħajr tali materja prima l-istess soċjeta` konvenuta ma setgħetx tibqa’ tipproduċi u timmanifattura l-prodotti tagħha konsistenti f’integraturi alimentari u għalhekk kellha twaqqaf l-operat tagħha.

Din il-qerda u/jew telf tal-materja prima mis-soċjeta` konvenuta ikkaġunatilha danni inġenti.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi s-soċjeta` konvenuta responsabbli għall-qerda u/jew telf tal-materja prima fuq deskritta.
2. Tiddikjara illi tali qerda u/jew telf ikkaġunatilha danni.
3. Tillikwida d-danni kollha hekk sofferti okkorrendo b'opera ta' periti nominandi.
4. Tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallasha l-ammont ta' danni hekk likwidat.

Rat ir-Risposta Ġuramentata ippreżentata fil-21 ta' Marzu 2014 fejn is-soċjeta` konvenuta eċċepiet illi:-

1. Preliminarjament in-nullita` tar-rikors ġuramentat stante li dan (i) ma jikkontjeniex raġuni tat-talba kif irid l-Art 156(1)(b) tal-kap 12; u (ii) għad li redatt bil-Malti, ġie konfermat bil-ġurament minn persuna li m'għandhiex għarfien ta' dik il-lingwa.
2. Subordinatament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, in-nullita` tar-rikors ġuramentat stante li dan ġie ppreżentat minkejja li ma ġiex preċedut min-notifika ta' ittra uffiċjali kontra s-soċjeta` konvenuta ai termini tal-Art 460(1) tal-kap 12 u l-Art 2 tal-kap 169.
3. Subordinatament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, illi l-ġudizszju mhux integru stante li l-esponenti aġixxiet skond id-direzzjoni mogħtija mill-Marixxal tal-Qorti.
4. Subordinatament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, illi kien imiss lis-soċjeta` attriċi li ġġib kunsinnatarju sabiex jieħu pussess tal-oġġetti maqbuda in esekuzzjoni tal-mandat ta' qbid.
5. Subordinatament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt filwaqt li s-soċjeta` eċċipjenti dejjem aġixxiet kif imiss u skond il-liġi u taħt id-direzzjoni tal-Qorti.

6. Subordinatament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, is-soċjeta` attriċi ma sofriet l-ebda danni;

Rat li t-tieni eċċezzjoni ġiet irtirata fl-24 ta' Ġunju 2014 (fol 60);

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat li s-soċjeta` attriċi naqset milli tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet entro t-terminu lilha mogħti;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjeta` konvenuta;

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-avukat tas-soċjeta' attriċi;

Rat li l-kawża ġiet differita għallum għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi rigward l-ewwel parti tal-ewwel eċċezzjoni, ma jirriżultax li r-rikors ġuramentat huwa nieqes mir-raġuni tat-talba. Min-naħa l-oħra, dwar it-tieni parti tal-ewwel eċċezzjoni, l-Qorti taqbel li l-ġurament ittieħed minn persuna Taljana li ma jirriżultax mill-atti li taf titkellem jew taqra bil-Malti. Lanqas jirriżulta mill-atti li xi ħadd fiehma l-kontenut tiegħu, jew li xi ħadd ittraduċa l-istqarrija tagħha mill-ilsien Taljan. Dan ma jistax ifisser għajr li l-ġurament ma jiswiex. Minkejja li saret l-eċċezzjoni, matul is-smiegħ tal-kawża ma saret l-ebda talba sabiex dan in-nuqqas jissewwa. Billi huwa partikolarita` essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi (Art 789(d) Kap 12), ir-rikors ġuramentat huwa null;

Illi l-Qorti tista' tieqaf hawn, iżda xorta waħda sejra tqis il-mertu tal-każ, anke biex turi li, ankorke` r-rikors promotur kellu jitqies bħala validu, xorta waħda t-talbiet tas-soċjeta` attriċi ma jistħoqqilhomx jintlaqgħu;

Ikkunsidrat:

Illi jirriżulta li:

1. Is-soċjeta` attriċi ġiet ikkundannata b'sentenza din il-Qorti (diversament ippreseduta) ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell b'sentenza tas-27 ta' Ġunju 2008 sabiex tħallas €21,915.60 lis-soċjeta` konvenuta, li esegwiet it-titolu eżekuttiv tagħha permezz ta' mandat ta' qbid. Fit-2 ta' Diċembru 2008, in esekuzzjoni ta' dan il-mandat, inqabdu numru ta' oġġetti minn ġewwa fabbrika tas-soċjeta` attriċi f'Bulebel. Billi l-fabbrika kienet magħluqa u abbandunata, kellu jsir l-iżgass. Preżenti kien hemm apparti l-Marixxall, PC 804 Leonard Formosa u PS 257 Godwin Scerri, Dr John Bonello għall-kreditur. Ma kienx hemm rappreżentant tas-soċjeta` eżekutata, għalkemm wara l-eżekuzzjoni rappreżentant tagħha ingħatat il-verbal tal-marixxall u kienet taf sewwa x'kien ġie maqbud;

2. Fir-rapport tiegħu, il-Marixxall tal-Qorti Joseph Azzopardi kiteb li "<u>fuq direttiva ta' rappreżentanza Malta Ind. Parks kien hemm xi oġġetti perikolużi għas-saħħa tal-bniedem li ġiet imneħħija minn fuq il-post u ġew elevati u ssiġillati l-istess freezer li ġiet meħuda fl-istores tal-M.I.P</u>." Fil-freezer huwa nnota boroż tal-plastic li ma kienx jaf x'fihom (fol 96): "Freezers, u iva freezers. Issa f'ħin minnhom meta ftaħnihom kien għarqana. Tajtu kollox" (lill-kunsinnatarju) "Għamilt id-dikjarazzjoni fejn hemm li huma ta' ċertu li hemm huma ta' periklu għas-saħħa" (fol 165). Jgħid li l-freezer kien mixgħul (fol 442). Fisser li kienu "għarqanin" fis-sens li kien ħiereġ ċertu likwidu minnhom. "Imxarrbin; mhux għasra eh! Il-prodott li kien hemm fih kien qed jarmi ċertu likwidu. Issa jekk hux ilma. Jekk hux organu minnu… kienu ta' ċertu riħa u b'hekk għamilt dak il-punt jien, li huma … ta' detriment għas-saħħa. Jien għamiltha.. biex dak li jkun

ikun jaf. Ara ħaddieħor ma jagħmilhiex kien… u jien ftaħt l-għatu tal-freezer u dehret li hija niedja… u mill-ewwel deher li ħiereġ ċertu ħaxix jew *whatever* għidlu x'inhuwa! … Xi materjal" (fol 478);

3. Nazzareno Agius, maħtur kunsinnatarju, u prodott mis-soċjeta` konvenuta, xehed li l-freezer kien mitfi (fol 186) u li "fil-freezer kien hemm li jinten, il-Marixxall qallu biex jarmi; jien ma stajtx nagħti ordnijiet". "Jien m'ordnalix biex l-oġġetti neħodhom fil-kustodja tiegħi; mhu veru qatt, imkien le le le. Jien ordnali biex ngħid lill-kuntrattur għax għalhekk kien biex jekk kien hemm xi ħaġa tinġarr biex jarmu l-affarijiet ta' ġewwa; imma l-bqija imbagħad il-freezer x'ħin rama l-affarijiet żammejnihom fl-istore mal-affarijiet u erġajna irritornajniha"… "Qabbaddt lill-kuntrattur" (inkarikat mis-soċjeta` konvenuta biex iġorr l-oġġetti maqbuda)" u għidtlu: 'ara x'irid jgħidlek il-marixxall'. U daqshekk. Kellmu hu lill-Marixxall… issa fil-freezer x'kien hemm li jinten, il-Marixall qallu biex jarmu; jien ma stajtx nagħti ordnijiet… jinten. X'ħin fetħuħ kien jinten, u hu ordnalhom (s'hemm naf jiena) ordnalhom biex jien ngħid lill-kuntrattur, għax jien ma nistax immur… intix tifhimni? Biex jieħu l-freezer biss u jarmi ta' ġewwa" (fol 156-157);

4. Il-marixxall, riprodott mis-soċjeta` attriċi, inqratlu x-xhieda tal-kunsinnatarju u ċaħad li ta' xi direttiva biex il-materjal jintrema'. Irrimarka li ma jistax jagħti ordni bħal din, li tista' tingħata biss mill-Qorti (fol 166). Għalkemm prodott mis-soċjeta` attriċi, saritlu domanda diretta u suġġestiva mill-avukat tagħha: "U dak ma qabbadtux inti hux hekk?". Għal din wieġeb li l-kunsinnatarju kien appuntat mill-Malta Industrial Parks. "Kien hemm digriet u l-Imħallef laqgħu u żammu responsabbli. Imma *once* li hu responsabbli mhux bil-paroli responsabbli, responsabbli b'kollox. Għax faċli tgħid responsabbli u mbagħad tagħmel li trid". Ċaħad li ta' xi struzzjonijiet lil min kien sejjer iġorr l-oġġetti maqbuda (fol 167). Qal li mhux awtorizzat jagħti ordnijiet biex jeqred oġġett; jagħmel hekk biss bl-awtorita` tal-Qorti wara li jsir rikors (fol 168);

Ikkunsidrat:

Illi jirriżulta li Nazzareno Agius, impjegat tas-soċjeta` kreditriċi, issa konvenuta, tqabbad bħala kunsinnatarju wara li ġie prodott bħala tali mis-soċjeta` konvenuta (xhieda tal-marixall a fol 96);

Illi filwaqt li l-Marixxall fir-riferta tiegħu stqarr li ordna r-rimi tal-materjal li kien hemm fil-boroż fuq struzzjonijiet ta' rappreżentant tas-soċjeta` konvenuta (li ma identifikax min hu), Nazzareno Agius, il-kunsinnatarju, jgħid li kien il-Marixxall li talbu jitlob lill-kuntrattur li kien sejjer iġorr l-oġġetti minn fuq il-post sabiex jarmi l-kontenut tal-boroż. Il-Marixxall innifsu, huwa u jixhed, biddel il-verżjoni miktuba fir-riferta u stqarr li kien hu li ta dawn l-istruzzjonijiet u anzi ftaħar li ħaddieħor ma kienx jagħmel hekk (fol 478);

Illi huwa minnu li l-liġi ma tawtorizzax lill-Marixxall jieħu inizjattivi u jeqred oġġetti perikolużi għas-saħħa; biex jagħmel dan irid ikun awtorizzat mill-Qorti. Huwa daqstant ieħor minnu li l-marixxall ma jistax jieħu struzzjonijiet mingħand il-kreditur, kif jivverbalizza huwa stess fir-riferta tiegħu. Jekk kien hemm xi struzzjonijiet, u l-marixxall obdihom, ir-responsabilita` taqa' fuqu għaliex sa dak il-punt ma kienx għadu kkunnsinna l-oġġetti f'idejn il-kunsinnatarju. Taqa' wkoll fuq il-kreditur li jkun ta lill-marixxal istruzzjonijiet bħal dawn. Naturalment f'din il-kawża l-ebda responsabilita` ma tista' tiġi addossata fuq il-marixxall għaliex mhuwiex konvenut;

Illi waqt l-eżekuzzjoni tal-mandat, kien hemm preżenti, apparti l-pulizija, l-Avukat John Bonello, konsulent tal-Malta Industrial Parks, u l-kunsinnatarju Nazzareno Agius Il-marixxal, għad li jgħid li l-oġġetti ġew distrutti fuq struzzjonijiet ta' rappreżentant tal-Malta Industrial Parks, ma jgħidx dan ir-rappreżentant min kien. Għalkemm wera animożita` konsiderevoli lejn Dr. Bonello, u ġie kkontro-eżaminat minnu stess, qatt ma qal li l-istruzzjonijiet tahom Dr. Bonello. Lanqas qal li l-istruzzjonijiet tahom il-kunsinnatarju. Mir-

riferta, jidher li l-oġġetti ġew imneħħija minn fuq il-post minnufih u qabel ma l-freezers ġew issiġillati u mneħħija minn fuq il-post. Minkejja l-verbal fir-riferta tal-Marixxall, li għandu ċertu piż billi huwa att tal-Qorti, ma jirriżultax b'mod ċar la min kien ir-rappreżentant tas-soċjeta` konvenuta li ta l-istruzzjonijiet u lanqas kif saru dawn l-istruzzjonijiet; jekk kinux tassew istruzzjonijiet inkella suġġerimenti. Fix-xhieda tiegħu il-Marixxall ma tenna mkien li ngħata dawn l-istruzzjonijiet;

Illi l-marixxall ħa r-ritratti tal-freezers bil-boroż fihom; iżda ma jirriżultax li l-kunsinnatarju ffirma għal dawn il-boroż. Fid-deskrizzjoni tal-Marixxal, hemm biss indikat "freezer". Il-liġi dak iż-żmien kienet tippermetti li impjegat tal-kreditur ikun kunsinnatarju. Il-kunsinnatarju, anke jekk impjegat tal-kreditur, kien personalment responsabbli għall-merkanzija. B'danakollu, ma jirriżultax li dawn l-oġġetti qatt daħlu fil-pussess tal-kunsinnatarju, f'liema każ kien ikun responsabbli hu għall-merkanzija[1];

Illi filwaqt li l-marixxall u l-kunsinnatarju la jaqblu jekk il-freezer kinitx mixgħula u lanqas dwar min ħareġ l-istruzzjonijiet biex il-kontenut tal-boroż jintrema', it-tnejn jaqblu li l-materjal ta' ġewwa l-boroż kien jinten filwaqt li l-Marixxall ħa l-impressjoni li kien qiegħed jiddeterjora, u saħansitra ddikjara fil-verbal tiegħu li kienu perikolużi għas-saħħa. Ħadha min ħadha d-deċiżjoni li l-materjal jiġi distrutt, jirriżulta b'mod ċar li dan kien iddeterjora u għalhekk qajla seta' kellu valur kummerċjali. Ċertament la l-marixxall, la l-kunsinnatarju u lanqas il-kreditriċi eżekutanti ma kellhom interess li jeqirdu merkanzija ta' valur;

[1] Fis-sena 2006 kien għadda mill-Parlament l-Att XIV li fost affarijiet oħrajn issostitwixxa l-provvedimenti tal-kodiċi ta' proċedura dwar il-mandat ta' Qbid. B'danakollu, dawn il-provvedimenti qatt ma ġew fis-seħħ. Id-disposizzjonijiet tas-Sub-Titolu I ta' Titolu VII ta' Taqsima I tal-Ewwel Ktieb tal-istess Kodiċi, intitolat "Fuq il-Mandat ta' Qbid ta' Ħwejjeġ Mobbli" ġew imħassrin, bis-setgħat mogħtija lill-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja taħt l-imsemmi Att XIV.2006, tlett snin wara, ċjoe` fl-4 t'Awwissu 2009 (A.L. 225.2009). L-artikoli introdotti bl-Att XIV.2006 li ssostitwew l-artikoli ta' Sub-Titoli I ġew mibdulin permezz ta' Att XII tat-2009 (Art. 23). Billi l-mandat ġie eżegwit fit-2008, kienu għadhom viġenti d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi qabel l-Att XIV.2006. Taħt dawn id-disposizzjonijiet, għalkemm kien vjetat li "seftur tal-kreditur" ikun kunsinnatarju (Art. 293(d)), impjegat ma kienx ivvjetat, kif inhu taħt il-liġi preżenti, li tipprojbixxi li joqgħod kunsinnatarju persuna li tkun direttament jew indirettament impjegata mal-kreditur (Art. 287(d)).

din kienet tkun parti  mportanti u sostanzjali mill-assi li jagħmel tajjeb għall-kreditu kkanonizzat favur is-soċjeta` konvenuta;

Illi qabel jum l-eżekuzzjoni tal-mandat il-fabbrika kienet ilha xhur magħluqa u ma kinux qegħdin jittieħdu *actual readings* tad-dawl u l-ilma, għajr għall-perjodu bejn Frar 2008 u Lulju 2008 li minnu jirriżulta li ma kien hemm l-ebda konsum ta' ilma jew elettriku. (fol 278, 282).  Jirriżulta iżda mill-*actual reading* li sar wara li qajla kien hemm konsum fil-perjodu rilevanti;

Illi fit-13 t'April 2009 id-debitu tħallas u għalhekk l-oġġetti ġew irritornati (fol 74 fl-atti tal-mandat);

Illi anke kieku kellu jitqies li l-merkanzija in kwistjoni kienet intatta fil-mument tal-elevazzjoni, l-attriċi ma ġabet l-ebda prova tal-valur tagħha.  Alfred Turner, awditur tas-soċjeta` attriċi għal bosta snin sa minn meta ġiet imwaqqfa,  xehed li l-kumpannija dejjem kienet fi stat finanzjarju prekarju; l-attivita` tagħha kienet minima ħafna; l-materjal li allegatament kien hemm fil-boroż  ma kienx rifless fl-*audited accounts.*  L-affidavit ta' Vanni Mordenti,  *accountant* Taljan, prodott *ex parte* mis-soċjeta` attriċi bl-ebda mod ma tista' tiskossa dan il-fatt.  Il-kotba tal-kummerċ huma l-aħjar prova u l-Qorti tistenna li jiġu prodotti u li jkunu xhieda fidila tat-transazzjonijiet kollha li jkunu qegħdin isiru.  Mhix disposta tieħu kont ta' x'jiġi allegat li jkun qiegħed jiġri wara  l-kwinti.  In-negozjant li jaħbi ħwejjeġ mill-awditur tiegħu ma jista' jkun qatt affidabbli f'għajnejn il-Qorti.  Din il-Qorti xejn ma ssibha minn lewn id-dinja li s-soċjeta` attriċi kienet sejra tħalli materjal li jiswa eluf ta' liri ġewwa freezer f'fabbrika magħluqa u abbandunata għal xhur sħaħ mingħajr sigurta` u mingħajr ma tieħu ħsieb li jkun hemm generator għall-eventwalita` li s-servizz tal-elettriku jiġi interrott.  Lanqas ma ssibha verosimili li għalkemm kienet taf bl-elevazzjoni, tipprotesta biss meta l-oġġetti ġew irritornati lilha; u li ma nnominatx sekwestratarju hi kif kellha d-dritt tagħmel;

Illi għalkemm il-Qorti ħatret lil Dr Jonathan Abela, avukat u *accountant*, bħala perit komputista sabiex jivverifika l-konteġġi ta' Vanni Mordenti, dan qatt ma ġie notifikat bl-inkariku tiegħu. Ġaladarba l-attriċi naqset li tieħu l-isbriga li din il-ħatra tiġi esegwita, il-Qorti ġiet imċaħħda mill-opportunita` li jkollha rapport imparzjali u indipendenti dwar l-allegat telf soffert mill-attriċi. Prova li l-piż tagħha jinkombi fuq l-attriċi u fuq ħadd iktar. Il-Qorti m'għandha l-ebda prova ċara u persuasiva tad-danni allegatament sofferti mis-soċjeta` attriċi li tul il-ħajja tagħha qatt ma rreġistrat qliegħ;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta` konvenuta fis-sens fuq spjegat u tiċħad it-talbiet kollha tas-soċjeta` attriċi. Bl-ispejjeż a kariku tal-istess soċjeta` attriċi.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA